MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 2063/2003

**Commonwealth Educational Society Limired ta' Nassau, Bahamas kif rapprezentata lokalment mill-mnadatarju taghha Antonia Aquilina**

**vs**

**Lourdes Grima**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Ottubru 2003 fejn gie mitlub li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' mija u sbatax il-lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm117.92) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' diversi kotba mibjugha u kkonsenjati lill-konvenuta ai termini tal-iskrittura datata 16 ta' Jannar 2001.

Bl-imghaxijiet fuq is-somma mitluba mid-data tal-ittra ufficjali sal-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tad-9 ta' Mejju 2003 kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.

Ra n-nota prezentata mill-konvenuta fejn hija ammettiet it-talbiet attrici.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta' attrici is-somma ta' mija u sbatax il-lira Maltin u tnejn u disghin centezmu (Lm117.92), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tad-9 ta' Mejju 2003,ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------